# Is-Sens Komun

minn Rachel Debattista

Ma tridx xi għerf sabiex tinħasel,
jew tibblakka iż-żarbun,
inkella taħsel snienek,
jew tara li ma ħarablekx l-għasfur!

Insomma naħseb tlifna s-sens komun!

Iltqajt ma min jorqod flok iqum,
oħrajn rieqda miexja mqajmin,
sibt min jibla' erba' pirmli,
għax qed jibża' mill-istaġun

Insomma naħseb tlifna s-sens komun!

Forsi jien żbaljata u sirna hekk illum,
biex tkun 'cool' jew 'trendy',
minn ommok trid tibqa tiddependi,
jew tmur taħdem biex forsi tidra tfendi.

Insomma naħseb tlifna s-sens komun!

Issib 'sieħeb', tpoġġi jew tiżżewweġ,
id-dejn tiela' qisu fjammi tal-ħġejjeġ,
biex tiekol toħroġ il-barra,

u is-sens komun jitfek fi stalla!

Insomma naħseb tlifna s-sens komun!

Imnalla kien is-sens komun,
li spirani nikteb din l-għana illum,
nirrifletti fuq dan ta' ħdejja,
u aktar ngħid qisu biċċa għaġina nejja!